MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 271/2004

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**vs**

**Carmelo Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Jannar, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mija u tnejn u tmenin lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm182.24) kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma, li jammontaw ghall- wiehed u ghoxrin lira u tlieta u sittin centezmu (Lm21.63), u ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku, li jammontaw ghall-mija u sittin lira u wiehed u tmenin centezmu (Lm160.81), fil-fond St. Anthony, Flat 2, Cordina Lane, Cospicua, ghall-perjodu bejn l-**

**14 ta' Lulju, 1986 sad-9 ta' Lulju, 1993, skond il-kont numru 670092040 u d-dokumenti annessi (WSC1 u WSC2);**
**Bl-ispejjez, inkluzi tmien liri u hamsin centezmu (Lm8.50) spejjez ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Marzu, 1998 u bl-imghax kummercjali, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-Korporazzjoni attrici fil-15 ta' Settembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx biex iwiegeb in subizzjoni, u ghaldaqstant dak li qed jghid l-attur ghandu jitqies bhala pruvat.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' mija u tnejn u tmenin lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm182.24) bl-imghax kummercjali mill-21 ta' Gunju, 1999.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi tmien liri u hamsin centezmu (Lm8.50) spejjez ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju, 1999 ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------